# KAPITOLU 276

## ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI

*Biex jipprovdi għal u dwar l-estradizzjoni, għal u minn pajjiżi oħra, ta' persuni akkużati b'reati jew misjuba ħatja ta' reati, u għal kull ħaġa li għandha x'taqsam magħhom jew in`identali għalihom.*

1 ta' Frar, 1982

*L-ATT XVIII tal-1978, kif emendat bl-Atti XLIX tal-1981 u VIII tal-1990; bl-Avviż Legali 40 tal-1993; u bl-Atti XVII tal-1996, III tal-2001, III u XXIV tal-2002, IX tal-2003, III tal-2004, VII tal-2010 u XXIV tal-2014.*

### TAQSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I. | Preliminari | 1-2 |
| Taqsima II. | Treġġigħ lura ta' min jagħmel reati lejn Pajjiżi tal-*Commonwealth* | 3-5 |
| Taqsima III. | Treġġigħ lura ta' min jagħmel reati lejn pajjiżi oħra barranin | 6-9 |
| Taqsima IV. | Disposizzjonijiet applikabbli għat-treġġigħ lura ta' min jagħmel reati għall-pajjiżi kollha | 10-24 |
| Taqsima V. | Kif jiġu trattati persuni li jittreġġgħu lura Malta | 25-26 |
| Taqsima VI. | Konsenja ta' ħatjin lill-Qorti Kriminali Internazzjonali | 26A-26U |
| Taqsima VII. | Mixxellanji | 27-31 |

SKEDA

## TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor..

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Estradizzjoni.

Tifsir..
*Emendat: XXIV. 2002.14; XXIV. 2014.96.*

**2.** (1) F'dan l-Att, minbarra fit-Taqsima VI tiegħu u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"arranġament", dwar it-treġġigħ lura ta' kriminali maħruba għal jew minn xi pajjiż, li ma jkunx Malta, tfisser kull trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil għal dak il-għan bejn Malta u dak il-pajjiż l-ieħor jew li japplika għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li fihom dawk iż-żewġ pajjiżi jkunu parti;

Kap. 260.

"ħabs" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar il-Ħabs;

"kriminali maħrub" tfisser persuna li tkun akkużata jew misjuba ħatja ta' reat ta' estradizzjoni li jkun ġie magħmul fil-ġurisdizzjoni ta' xi pajjiż li ma jkunx Malta li tkun qiegħda jew ikun hemm suspett li tkun qiegħda f'Malta; u kull meta dik il-frażi tinsab dwar xi pajjiż bħal dak, tfisser kriminali maħrub akkużat jew misjub ħati ta' reat ta' estradizzjoni li jkun ġie magħmul fil-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"pajjiż" tinkludi kull territorju;

"pajjiż barrani speċifikat" għandha t-tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 6;

"pajjiż li jagħmel it-talba" tfisser pajjiż li jitlob it-treġġigħ lura skont dan l-Att ta' kriminali maħrub;

"pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat" għandha t-tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 4;

"persuna akkużata" tinkludi persuna, li dwarha jinħareġ mandat, li tkun mfittxija f'pajjiż barrani speċifikat għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat;

"reat ta' estradizzjoni" għandha t-tifsir mogħti lilha jew bl-artikolu 5 jew bl-artikolu 8, skont ma jeħtieġ il-każ.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att -

(*a*) persuna misjuba ħatja ta' reat fin-nuqqas tagħha għandha titqies bħala persuna akkużata b'dak ir-reat;

(*b*) egħmil jew nuqqas li jikkostitwixxi reat biss kontra liġi militari iżda mhux kontra l-liġi ordinarja tal-pajjiż ma jitqiesx bħala reat;

(*ċ*) kull kolonja, dipendenza u parti kostitwenti ta' pajjiż, u kull bastiment u kull inġenju tal-ajru ta' dak il-pajjiż jew reġistrat fih, għandu (ħlief fejn imsemmi espressament bħala distint f'dan l-Att jew xort'oħra provdut espressament) jitqies li jkun fil-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż u li jkun parti minnu.

## TAQSIMA II

TREĠĠIGĦ LURA TA' MIN JAGĦMEL REATI LEJN PAJJIŻI TAL-*COMMONWEALTH*

Persuni li jistgħu jiġu mreġġgħin lura.

**3.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna misjuba f'Malta u li tkun akkużata b'reat ta' estradizzjoni f'xi pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew li jkun allegat li tkun ħielsa kontra l-liġi wara li tkun instabet ħatja ta' dak ir-reat f'xi pajjiż bħal dak, tista' tiġi arrestata u mreġġa' lura lejn dak il-pajjiż kif provdut b'dan l-Att.

Pajjiż tal-*Commomwealth* speċifikat.

**4.** (1) Il-Ministru jista' b'ordni jispeċifika għall-finijiet tal-artikolu 3 kull pajjiż li f'dak iż-żmien ikun imsemmi fl-artikolu 28(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew kull pajjiż ieħor fil-*Commonwealth;* u kull pajjiż li f'dak iż-żmien ikun hekk speċifikat qiegħed f'dan l-Att jissejjaħ pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat.

(2) Il-Ministru jista' bl-istess ordni jew b'ordni ieħor wara jordna li dan l-Att ikollu effett dwar it-treġġigħ lura ta' persuni għal, jew dwar il-persuni mreġġgħin lura minn, xi pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat, skont dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jiġi speċifikat fl-ordni.

(3) Għall-finijiet ta' kull ordni magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull territorju li dwar ir-relazzjonijiet barranin tiegħu jkun responsabbli pajjiż tal-*Commonwealth* jista' jitqies bħala parti minn dak il-pajjiż jew, jekk il-Gvern ta' dak il-pajjiż hekk jitlob, bħala pajjiż separat.

Reati ta' estradizzjoni dwar pajjiżi tal-*Commonwealth* speċifikati.

**5.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att reat li bih persuna tkun akkużata jew kienet misjuba ħatja f'pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiż jekk -

(*a*) ikun reat li, ikun kif ikun deskritt fil-liġi ta' dak il-pajjiż, jaqa' taħt xi waħda mid-deskrizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, u li dwaru wieħed jista' jeħel skont dik il-liġi priġunerija għal żmien ta' tnax-il xahar jew xi piena akbar; u

(*b*) l-egħmil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-egħmil jew in-nuqqas ekwivalenti, kien jikkostitwixxi reat kontra l-liġi ta' Malta li kieku sar f'Malta jew, fil-każ ta' reat *extra*-territorjali, fl-istess ċirkostanzi barra minn Malta.

(2) Sabiex jiġi stabbilit għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk reat kontra l-liġi ta' pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jaqax taħt id-deskrizzjoni murija fl-imsemmija Skeda kull ħsieb jew stat tal-moħħ speċjali jew ċirkostanzi speċjali aggravanti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jikkostitwixxi dak ir-reat skont il-liġi ma għandhomx jiġu meqjusa.

(3) Id-deskrizzjonijiet murija fl-imsemmija Skeda jinkludu r-reati li hemm deskritti fiha kemm jekk ikollhom magħhom ċirkostanzi aggravanti jew mitiganti kemm jekk le, u jinkludu wkoll f'kull każ reati ta' kompliċità f'kull reat bħal dak jew ta' attentat dwar reat skont it-tifsir rispettivament tal-artikolu 41 jew 42 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(4) Riferenzi f'dan l-artikolu għal-liġi ta' xi pajjiż jinkludu riferenzi għal-liġi ta' kull parti ta' dak il-pajjiż.

## TAQSIMA III

### TREĠĠIGĦ LURA TA' MIN JAGĦMEL REATI LEJN PAJJIŻI OĦRA BARRANIN

Persuni li jistgħu jiġu mreġġgħin lura.

**6.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna misjuba f'Malta u li tkun akkużata b'reat ta' estradizzjoni f'xi pajjiż barrani speċifikat jew li jkun allegat li tkun ħielsa kontra l-liġi wara li tkun instabet ħatja ta' dak ir-reat f'xi pajjiż bħal dak, tista' tiġi arrestata u mreġġa' lura f'dak il-pajjiż kif provdut b'dan l-Att.

Pajjiż barrani speċifikat.
*Emendat: XLIX. 1981.6; A.L. 40 ta' l-1993; IX. 2003.49; III. 2004.36.*

**7.** (1) Il-Ministru jista' b'ordni jispeċifika għall-finijiet tal-artikolu 6 kull pajjiż li miegħu jkun hemm jew ikun sar arranġament inklużi kull arranġament, deċiżjoni, ordni jew att ieħor tal-Unjoni Ewropea magħmulin taħt jew skont it-Trattat, kemm qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għat-treġġigħ lura lejn dak il-pajjiż ta' kull kriminali maħrub; u kull pajjiż li f'dak iż-żmien ikun hekk speċifikat qiegħed f'dan l-Att jissejjaħ pajjiż barrani speċifikat:

Iżda, sakemm ma jsirx ordni taħt dan l-artikolu li jkollu disposizzjoni fis-sens kuntrarju, ir-Repubblika tal-Italja u kull pajjiż ieħor li miegħu jkun sar arranġament kif imsemmi fl-artikolu 30, ikunu meqjusa bħallikieku jkun sar ordni taħt dan l-artikolu li jispeċifikah bħala pajjiż barrani.

(2) Il-Ministru jista' bl-istess ordni jew b'ordni ieħor wara jordna li dan l-Att ikollu effett dwar it-treġġigħ lura ta' persuni għal jew minn, jew dwar il-persuni mreġġgħin lura minn, xi pajjiż barrani speċifikat, skont dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jiġi speċifikat fl-ordni.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kull ordni bħal dak għandu jew jikkwota jew ikun fih il-pattijiet tal-arranġament li għalih jirreferixxi jew għandu jkun fih riferenza għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta jew għall-preżentazzjoni tiegħu fil-Kamra tad-Deputati, u m'għandux jibqa' jseħħ għal żmien li jkun itwal mill-arranġament.

(4) Is-subartikolu (3) m'għandux japplika għal xi arranġament li ma jkunx fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

Kap. 460.

Reati ta' estradizzjoni dwar pajjiżi barranin speċifikati.

**8.*** (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att, reat li bih persuna tkun akkużata jew kienet misjuba ħatja f'pajjiż barrani speċifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiż jekk -

(*a*) ikun reat li dwaru kriminali maħrub jista' jittreġġa' lura għal dak il-pajjiż skont l-arranġament u li dwaru wieħed jista' jeħel skont dik il-liġi priġunerija għal żmien ta' tnax-il xahar jew piena akbar; u

(*b*) l-egħmil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-għemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-liġi ta' Malta li kieku sar f'Malta jew, fil każ ta' reat *extra*-territorjali, fl-istess ċirkostanzi barra minn Malta.

(2) Sabiex jiġi stabbilit għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk reat jaqax taħt il-ħtiġijiet tas-subartikolu (1)(*a*) u (*b*), id-deskrizzjoni tar-reat ma titqiesx bhala sostanzjali jekk ir-reati skont il-liġi ta' Malta u dik tal-pajjiż li jagħmel it-talba jkunu sostanzjalment tal-istess xorta.

Provvedimenti dwar arranġamenti, eċċ., għal treġġigħ lura.

**9.** *Imħassar bl-Att III. 2004.37.*

---

## TAQSIMA IV

DISPOSIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TREĠĠIGĦ LURA TA' MIN JAGĦMEL REATI GĦALL-PAJJIŻI KOLLHA

Restrizzjonijiet ġenerali dwar treġġigħ lura.

**10.*** (1) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura skont dan l-Att għal xi pajjiż, jew tintbagħat jew tinżamm f'kustodja għall-finijiet ta' dak it-treġġigħ lura, jekk fil-fehma tal-Ministru jew tal-qorti rimandanti -

(*a*) ir-reat li bih dik il-persuna hija akkużata jew li tiegħu ġiet misjuba ħatja huwa reat ta' natura politika; jew

(*b*) it-talba għat-treġġigħ lura ta' dik il-persuna (għalkemm tkun tidher li qed issir minħabba reat ta' estradizzjoni) hija fil-fatt magħmula biex l-istess persuna tiġi pproċessata jew penalizzata minħabba r-razza, il-post ta' oriġini, in-nazzjonalità, il-fehmiet politiċi, il-kulur jew it-twemmin tagħha; jew

(*ċ*) dik il-persuna tista', jekk titreġġa' lura, tiġi ppreġudikata fil-proċess tagħha jew tiġi penalizzata, miżmuma jew limitata fil-libertà personali tagħha minħabba r- razza, il-post ta' oriġini, in-nazzjonalità, il-fehmiet politiċi, il-kulur jew it-twemmin tagħha.

(2) Persuna akkużata b'reat m'għandhiex titreġġa' lura skont dan l-Att għal xi pajjiż, jew tintbagħat jew tinżamm f'kustodja għall-finijiet ta' dak it-treġġigħ lura, jekk kif intqal qabel ikun jidher li kieku kienet akkużata b'dak ir-reat f'Malta kien ikollha jedd li tiġi liberata skont xi regola tal-liġi relattiva għal liberazzjoni

---

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

preċedenti jew dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti.

(3) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura skont dan l-Att għal xi pajjiż, jew tintbagħat jew tinżamm f'kustodja għall-finijiet ta' dak it-treġġigħ lura, jekk il-liġi ta' dak il-pajjiż ma tipprovdix, jew jekk ma jkunx sar arranġament ma' dak il-pajjiż, biex jiġi żgurat li ma tittieħed ebda azzjoni f'dak il-pajjiż kontra dik il-persuna, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx treġġgħet lura jew kellha l-opportunità li tiġi lura Malta, minħabba jew dwar xi reat li dik il-persuna tkun għamlet qabel it-treġġigħ lura tagħha skont dan l-Att li ma jkunx -

(*a*) ir-reat li dwaru jintalab it-treġġigħ lura skont dan l-Att;

(*b*) xi reat inqas gravi pruvat bil-fatti li ġew ippruvati quddiem il-qorti rimandanti; jew

(*ċ*) xi reat ieħor li jkun reat ta' estradizzjoni li dwaru l-Ministru jista' jagħti l-kunsens tiegħu sabiex fuq dak ir-reat tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna.

(4) Kull arranġament hekk kif imsemmi fis-subartikolu (3) jista' jkun arranġament magħmul għall-każ partikolari jew arranġament ta' natura aktar ġenerali; u għall-fini ta' dak is-subartikolu ċertifikat maħruġ minn jew taħt l-awtorità tal-Ministru li jikkonferma l-eżistenza ta' arranġament ma' xi pajjiż u li juri l-pattijiet tiegħu jkun prova konklużiva ta' dak li jkun jinsab f'dak iċ-ċertifikat.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, reat kontra l-ħajja jew il-persuna ta' kap ta' Stat, jew xi reat deskritt fl-artikolu 5(3), ma jkunx neċessarjament meqjus bħala reat ta' xorta politika.

Setgħat tal-Ministru dwar treġġigħ lura ta' min jagħmel reati.

**11.**[*] (1) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura skont dan l-Att għal xi pajjiż, jew tintbagħat jew tinżamm f'kustodja għall-finijiet ta' dak it-treġġigħ lura, jekk il-Ministru, fl-eżerċizzju ta' xi setgħa mogħtija lil, jew riżervata mill-Gvern f'arranġament jew dwar xi arranġament, ikun hekk ordna.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' jirrifjuta li jagħmel ordni taħt l-artikolu 13 jew l-artikolu 21 f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta t-talba tkun għal persuna maħruba wara li tkun instabet ħatja u l-piena mogħtija tkun inqas minn erba' xhur priġunerija;

(*b*) meta skont il-liġi tal-pajjiż li jagħmel it-talba r-reat li dwaru jkun qed jintalab it-treġġigħ lura jkun suġġett għall-piena tal-mewt u l-pajjiż li jagħmel it-talba ma jkunx ta assigurazzjoni aċċettata bħala biżżejjed mill-Ministru li l-piena tal-mewt ma tingħatax jew, jekk tingħata, li ma tiġix esegwita;

(*ċ*) meta t-talba tkun għat-treġġigħ lura ta' persuna

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

misjuba ħatja ta' reat fin-nuqqas tagħha u l-pajjiż li jagħmel it-talba ma jkunx ta assigurazzjoni aċċettata bħala biżżejjed mill-Ministru li dik il-persuna tiġi proċessata mill-ġdid jekk hi hekk titlob;

(*d*) jekk il-proċeduri għar-reat li dwaru tkun mitluba estradizzjoni jkunu preskritti jew skont il-liġi ta' Malta jew skont il-liġi tal-pajjiż li jagħmel it-talba;

(*e*) meta t-talba tkun għal persuna li tkun f'Malta wara li tkun treġġgħet lura hawnhekk kif imsemmi fl-artikolu 25(1) u l-Gvern ikun taħt obbligu li ma jreġġgħax lura lil dik il-persuna lil pajjiż ieħor;

(*f*) jekk tkun ingħatat xi amnestija dwar ir-reat li għalih ikun qed jintalab it-treġġigħ lura u l-qrati ta' Malta kellhom ġurisdizzjoni dwar dak ir-reat;

(*g*) jekk il-persuna li tintalab l-estradizzjoni tagħha tkun ċittadin ta' Malta.

Dewmien fi treġġigħ lura. *Emendat: III. 2002.163.*

**12.*** Persuna li tkun ġiet akkużata b'reat fil-ġurisdizzjoni ta' Malta, li ma jkunx ir-reat li għalih ikun qed jiġi mitlub it-treġġigħ lura tagħha, jew tkun qed tiskonta sentenza għax kienet misjuba ħatja f'Malta, m'għandhiex titreġġa' lura skont dan l-Att għal xi pajjiż sakemm ma tkunx ġiet meħlusa jew b'liberazzjoni jew meta tkun skontat is-sentenza tagħha jew xort'oħra.

Awtorità għal proċedimenti.

**13.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar mandati provviżorji, xejn ma għandu jsir dwar persuna skont dan l-Att ħlief bis-saħħa ta' ordni tal-Ministru (f'dan l-Att imsejjaħ awtorità għal proċediment) maħruġ fuq talba magħmul bil-miktub lill-Ministru minn jew f'isem il-Gvern tal-pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew tal-pajjiż barrani speċifikat li fih il-persuna li għandha tiġi mreġġa' lura hi akkużata jew kienet misjuba ħatja.

(2) Għandu jingħata ma' kull talba magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu f'isem xi pajjiż -

(*a*) fil-każ ta' persuna akkużata ta' reat, mandat għall-arrest tagħha maħruġ f'dak il-pajjiż;

(*b*) fil-każ ta' persuna ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna,

flimkien, f'kull każ, ma' -

(i) il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-identità u n-nazzjonalità tagħha;

(ii) il-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-liġi li taħtha dik il-persuna tkun akkużata jew tkun instabet ħatja, id-deskrizzjoni legali tar-reat u kopja tal-leġislazzjonijiet relattivi jew (jekk dan

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

ma jkunx prattikabbli) dikjarazzjoni dwar il-liġi rilevanti; u

(iii) prova biżżejjed biex ikun ġustifikat il-ħruġ ta' mandat għall-arrest tagħha skont l-artikolu 14 ta' dan l-Att.

(3) Meta jirċievi talba bħal dik, il-Ministru jista' joħroġ ordni ta' proċediment kemm-il darba ma jidhirlux li ordni għat-treġġigħ lura ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jsir legalment, jew fil-fatt ma għandux isir, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Arrest biex persuna tintbagħat lura.
*Emendat: III. 2004.38.*

**14.** (1) Mandat għall-arrest ta' persuna akkużata b'reat ta' estradizzjoni jew li jkun allegat li tkun ħielsa kontra l-liġi wara li tkun instabet ħatja ta' dak ir-reat, jista' jiġi maħruġ minn maġistrat -

(*a*) meta jirċievi awtorità għal proċediment; jew

(*b*) mingħajr dik l-awtorità, fuq tagħrif li l-imsemmija persuna tkun, jew li maħsuba li tkun, f'Malta jew fi triqtha lejn Malta,

u kull mandat ma□ru□ bis-sah□a tal-paragrafu (*b*) huwa f'dan l-Att imsejja□ mandat provvi□orju.

(2) Mandat ta' arrest skont dan l-artikolu jista' jiġi maħruġ fuq dawk il-provi li, fil-fehma tal-maġistrat, kienu jawtorizzaw il-ħruġ ta' mandat għall-arrest ta' persuna akkużata bl-egħmil ta' reat korrispondenti jew, skont il-każ, ta' persuna li hu allegat dwarha li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali f'Malta.

(3) Meta mandat provviżorju jkun maħruġ skont dan l-artikolu, il-maġistrat li jkun ħarġu għandu minnufih jagħti avviż lill-Ministru, u jibgħatlu t-tagħrif u l-provi, jew kopji awtentikati tat-tagħrif u l-provi, li fuqhom ikun ħareġ; u l-Ministru jista' f'kull każ, u għandu jekk jiddeċiedi li ma joħroġx awtorità għal proċediment dwar il-persuna li għaliha jirriferixxi l-mandat, b'ordni jħassar il-mandat u, jekk dik il-persuna tkun ġiet arrestata bis-saħħa tiegħu, jeħlisha mill-kustodja.

(4) Mandat maħruġ skont dan l-artikolu għandu minnufih jiġi esegwit minn uffiċjal tal-Pulizija.

Kap. 9.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355E, 355F, 355I, 355AB, 355AĊ u 357 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal mandat ta' arrest u għal mandat ta' perkwiżizzjoni maħruġa għall-finijiet ta' dan l-Att.

Proċedimenti biex persuna tintbagħat lura.
*Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.163.*

**15.*** (1) Persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat skont l-artikolu 14 għandha (jekk ma tkunx ġiet meħlusa qabel skont is-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu) titressaq malajr kemm ikun prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' kumpilazzjoni (f'dan l-Att imsejħa l-qorti rimandanti) li għandu jkollha għall-finijiet tal-proċedimenti skont dan l-artikolu l-istess

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

setgħat, safejn jista' jkun, magħduda s-setgħa li tibgħat f'kustodja jew teħles mill-arrest bi pleġġ, kif l-imsemmija qorti għandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel.

(2) Meta l-persuna arrestata tkun f'kustodja bis-saħħa ta' mandat provviżorju u ebda awtorità għal proċediment ma tkun ġiet riċevuta dwarha, il-qorti rimandanti tista' tistabbilixxi żmien xieraq (li tiegħu l-qorti għandha tagħti avviż lill-Ministru) li wara li jgħaddi dik il-persuna għandha tiġi meħlusa mill-kustodja jekk dik l-awtorità ma tiġix riċevuta.

(3) Meta awtorità għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta' dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta -

(*a*) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta;

(*b*) jekk jiġi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa,

il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att; iżda jekk il-qorti ma tkunx hekk sodisfatta jew ikun hekk projbit li dik il-persuna tintbagħat taħt kustodja għal dak il-fini, il-qorti għandha teħlisha mill-kustodja:

Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna.

(4) Meta persuna tkun inġiebet quddiem qorti rimandanti kif provdut fis-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet tal-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw bħallikieku l-kelma "xahar" kulfejn din hemm tinsab kienet sostitwita bil-kelma "xahrejn" u bħallikieku l-kliem "tliet xhur" fil-proviso tiegħu kienu sostitwiti bil-kliem "sitt xhur". Kap. 9.

(5) Meta l-persuna arrestata tiddikjara quddiem il-qorti rimandanti li tkun trid titreġġa' lura dik il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li dik id-dikjarazzjoni tkun saret b'mod volontarju, tibgħat lil dik il-persuna taħt kustodja sakemm din tkun qed jistenna li terġa' lura u d-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att għat-treġġigħ lura tagħha għandhom jitqiesu bħala sodisfatti u l-Ministru għandu malli dan, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att iżda salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 21(2) u (4) tiegħu, jordnalha b'mandat li titreġġa' lura lejn il-pajjiż li jagħmel it-talba.

Ma jista' jsir ebda appell mid-deċiżjoni tal-qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

Dmir tal-qorti rimandanti li tgħarraf persuna bil-jeddijiet tagħha.
*Emendat: III. 2002.163.*

**16.** Meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal- ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.

Kap. 319.

Kustodja.

**17.** (1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.

(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta.

Appell minn persuna mibgħuta f'kustodja.
*Emendat: VIII. 1990.3.*

**18.** (1) Appell minn ordni li jibgħat persuna taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell Kriminali, li jkun fih talba għar-revoka tal-ordni tal-qorti, u għandu jiġi preżentat fir-reġistru tal-qorti rimandanti mhux iktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mid-data tal-imsemmi ordni.

(2) Ir-Reġistratur tal-qorti rimandanti għandu, mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara, jibgħat ir-rikors, flimkien mal-proċess, lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandu, mingħajr dewmien, jibgħat kopja tar-rikors lill-Avukat Ġenerali.

(3) Avviż tal-jum stabbilit għas-smigħ tal-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali lill-appellant u lill-Avukat Ġenerali:

Iżda, ħlief bil-kunsens kemm tal-appellant u kemm tal-Avukat Ġenerali, dak is-smigħ ma għandux isir qabel ma jgħaddu jumejn tax-xogħol wara li l-imsemmi avviż ikun ingħata.

(4) Jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati il-qorti għandha tordna li l-appellant jiġi liberat.

Appell mill-Avukat Ġenerali.
*Emendat: VIII. 1990.3.*

**19.** (1) Meta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun hekk li t-treġġigħ lura tal-persuna li jkun mitlub ma jistax isir, il-qorti għandha, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, tibgħat lill-Avukat Ġenerali l-proċess flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni tagħha, u l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jirċievi dak il-proċess, jappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali

b'rikors, li jkollu miegħu l-imsemmi proċess u kopja tad-deċiżjoni tal-qorti rimandanti, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lill-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun qed jiġi mitlub.

(2) Fuq kull appell skont dan l-artikolu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* u jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tordna li l-persuna li t-treġġigħ tagħha jkun qed jiġi mitlub tintbagħat taħt kustodja dak l-ordni għandu jiġi meqjus, għall-finijiet kollha barra milli għal appell dwaru, bhala ordni li jibgħat lil dik il-persuna taħt kustodja.

**Setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kostituzzjonali.**

**20.** Fuq appell magħmul lill-Qorti tal-Appell Kriminali jew fuq rikors għal rimedju lill-Qorti Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kull waħda mill-imsemmija qrati tista', bla ħsara għal kull ġurisdizzjoni oħra, tordna li l-persuna mibgħuta taħt kustodja tiġi meħlusa mill-kustodja jekk fil-fehma ta' dik il qorti -

(*a*) minħabba n-natura trivjali tar-reat li bih hija akkużata jew ġiet misjuba ħatja; jew

(*b*) minħabba ż-żmien li jkun għadda minn meta jingħad li għamlet ir-reat jew li saret ħielsa kontra l-liġi, skont il-każ; jew

(*ċ*) minħabba li l-akkuża miġjuba kontriha mhix magħmula *in bona fide* fl-interess tal-ġustizzja,

ikun, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, inġust jew oppressiv li tiġi mreġġa' lura.

**Ordni għat-treġġigħ lura lejn il-pajjiż li għamel it-talba.**
*Emendat: III. 2002.163.*

**21.**[*] (1) Meta persuna tkun mibgħuta taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura u ma tiġix liberata b'ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew ta' xi qorti kompetenti oħra, il-Ministru jista' b'mandat jordna li tiġi mreġġa' lura lill-pajjiż li għamel it-talba kemm-il darba t-treġġigħ lura ta' dik il-persuna ma jkunx projbit, jew projbit għal dak iż-żmien, bl-artikolu 10 jew bl-artikolu 12, jew il-Ministru jiddeċiedi skont dan l-artikolu jew skont l-artikolu 11 li ma jagħmel ebda ordni bħal dak fil-każ tagħha.

(2) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura għal xi pajjiż skont dan l-Att -

(*a*) f'kull każ, sakemm igħaddu ħmistax-il jum li jibdew bil-jum li fih ikun sar l-ordni biex tiġi mibgħuta taħt kustodja;

(*b*) jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja jkollha l-jedd tibda xi proċedimenti, sew ta' appell jew xort'oħra, li jistgħu jwasslu għar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tiġi mibgħuta taħt kustodja, u l-persuna li tintbagħat tkun bdiet dawk il-proċedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'liġi jew ikun ġie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti żmien li fih dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew, sakemm igħaddi dak iż-żmien;

---

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

(*ċ*) jekk xi proċedimenti msemmija fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikunu nbdew, sakemm jispiċċaw dawk il-proċedimenti:

Iżda il-proċedimenti għandhom jitqiesu li spiċċaw ukoll jekk jiġu rtirati jew abbandunati;

(*d*) jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja tkun ġiet akkużata jew tqatta' ż-żmien ta' xi sentenza kif provdut fl-artikolu 12, sakemm din tkun ġiet meħlusa jew b'liberazzjoni jew għax jiskadilha ż-żmien tas-sentenza jew xort'oħra.

(3) Il-Ministru ma għandux jagħmel ordni skont dan l-artikolu fil-każ ta' xi persuna, jekk ikun jidher lill-Ministru, għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 20, li jkun inġust jew oppressiv li dik il-persuna titreġġa' lura jew jekk ikun tal-fehma, għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10(1), li l-ordni ma għandux isir.

(4) Il-Ministru jista' jiddeċiedi li ma jagħmel ebda ordni f'dak iż-żmien taħt dan l-artikolu għat-treġġigħ lura ta' persuna miżmuma għal hekk mill-qorti minħabba talba magħmula minn xi pajjiż jekk talba oħra għat-treġġigħ lura tagħha skont dan l-Att tkun saret minn pajjiż ieħor u l-Ministru jkun jidhirlu, meta jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u b'mod partikolari -

(*a*) il-gravità relattiva tar-reat li jkun;

(*b*) id-data li fiha kull waħda minn dawk it-talbiet ġew magħmula; u

(*ċ*) in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza tal-persuna li tkun u r-residenza ordinarja tagħha,

li għandha tingħata preferenza lit-talba l-oħra.

(5) Avviż tal-ħruġ ta' mandat taħt dan l-artikolu għandu jingħata minnufih lill-persuna li tkun se tiġi mreġġa' lura bis-saħħa tiegħu.

Provi.
*Emendat: VII. 2010.55.*

**22.*** (1) F'kull proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-Att dwar persuna taħt kustodja skont dan l-Att -

(*a*) dokument, awtentikat kif imiss, li juri xiehda mogħtija taħt ġurament fil-pajjiż li għamel it-talba jiġi ammess bħala prova ta' dak li jkun fih;

(*b*) dokument, awtentikat kif imiss, li juri li ġie riċevut bħala prova, jew li hu kopja ta' dokument hekk riċevut, f'xi proċeduri f'xi pajjiż bħal dak għandu jiġi ammess bħala prova;

(*ċ*) dokument, awtentikat kif imiss, li jiċċertifika li persuna tkun ġiet misjuba ħatja f'data speċifikata fid-dokument ta' reat kontra l-liġi ta', jew ta' parti minn, xi pajjiż bħal dak għandu jiġi ammess bħala prova tal-fatt u tad-data li fih tkun instabet ħatja.

(2) Id-dokument għandu jitqies li huwa awtentikat kif imiss

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

għall-fini ta’ dan l-artikolu -

(*a*) fil-każ ta’ dokument li juri xiehda mogħtija kif intqal qabel, jekk id-dokument juri li hu ċċertifikat minn imħallef jew maġistrat jew uffiċjal f’dak jew ta’ dak il-pajjiż bħala li hu dokument oriġinali li fih jew li jirreġistra dik ix-xiehda jew kopja vera ta’ dak id-dokument oriġinali;

(*b*) fil-każ ta’ dokument li juri li ġie riċevut bħala prova kif intqal qabel jew li hu kopja ta’ dokument hekk riċevut, jekk id-dokument juri li hu ċċertifikat kif intqal qabel li kien, jew li hu kopja vera ta’ dokument li jkun ġie hekk riċevut;

(*ċ*) fil-każ ta’ dokument li jiċċertifika li persuna kienet misjuba ħatja kif intqal qabel, jekk id-dokument juri li hu ċċertifikat kif intqal qabel,

u f’kull każ bħal dan id-dokument ikun awtentikat jew bil-ġurament ta’ xhud jew bis-siġill uffi`jali ta’ Ministru fil-pajjiż jew tal-pajjiż li għamel it-talba.

(2A) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) il-Qorti tista’ tirċievi bħala prova fil-proċedimenti taħt jew għal finijiet ta’ dan l-Att kull dokument mhux awtentikat skont dawk id-dispożizzjonijiet meta d-dokument ikun awtentikat jew jitqies li jkun awtentikat skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2B) u (2Ċ).

(2B) F’kull proċediment taħt jew għal finijiet ta’ dan l-Att, dokument maħruġ fil-pajjiż li jagħmel it-talba jista’ wkoll jitqiegħed bħala prova f’xi proċedimenti taħt dan l-Att jekk ikun awtentikat kif imiss skont is-subartikolu (2Ċ).

(2Ċ) Dokument jitqies li jkun awtentikat kif imiss jekk (u biss jekk) waħda minn dawn tkun tapplika -

(*a*) id-dokument ikun juri li hu iffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew

(*b*) id-dokument ikun juri li hu ċċertifikat, kemm b’siġill jew b’mod ieħor, mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew

(*ċ*) id-dokument ikun juri li hu awtentikat bil-ġurament, dikjarazzjoni jew affirmazzjoni ta’ xhud.

(2D) Kull dokument li jkun ser jintbagħat għax ikollu x’jaqsam ma’ proċedimenti taħt dan l-Att , jista’ jkun trasmess b’kull metodu assigurat li jkun kapaċi jipproduċi *records* bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tiegħu.

(3) Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali, skont il-każ, ikun jista’ kif ukoll tkun tistal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha ikun qed jiġi mitlub, tipproduċi provi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux inġiebu quddiem il-qorti rimandanti.

(4) F’dan l-artikolu, "ġurament" tinkludi affermazzjoni jew dikjarazzjoni; u ebda ħaġa f’dan l-artikolu ma għandha tinftiehem

li tippreġudika l-ammissjoni bħala prova ta' xi dokument li huwa ammissibbli bħal prova wkoll minbarra dan l-artikolu.

Konsenja ta' proprjetà.

**23.*** (1) Il-Ministru jista', permezz tal-Kummissarju tal-Pulizija, jaqbad u jikkonsenja lill-pajjiż li għamel it-talba kull proprjetà -

(*a*) li tista' tkun meħtieġa bħala prova f'dak il-pajjiż; jew

(*b*) li tkun ġiet akkwistata bħala riżultat tar-reat u li, fil-ħin tal-arrest tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun qed jiġi mitlub, tinsab fil-pussess ta' dik il-persuna jew tinsab wara.

(2) Il-proprjetà msemmija fis-subartikolu (1) tista' tiġi kkonsenjata lill-pajjiż li għamel it-talba wkoll jekk l-estradizzjoni, li tkun ġiet milqugħa, ma tkunx tista' ssir minħabba l-mewt jew il-ħarba tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun qed jiġi mitlub.

(3) Meta l-imsemmija proprjetà tkun tista' tiġi maqbuda jew konfiskata f'Malta, il-Ministru jista', dwar il-proċeduri li jkunu pendenti jew dwar proċeduri li jkunu se jittieħdu, temporanjament iżomm dik il-proprjetà jew jikkonsenjaha lill-pajjiż li għamel it-talba bil-kondizzjoni li tingħata lura.

Liberazzjoni fil-każ ta' dewmien fit-treġġigħ lura. *Emendat: VIII. 1990.3.*

**24.** (1) Jekk xi persuna miżmuma bi stennija għat-treġġigħ lura tkun taħt kustodja f'Malta skont dan l-Att wara li jgħaddi ż-żmien li ġej, jiġifieri -

(*a*) f'kull każ, iż-żmien ta' xahrejn li jibda jgħodd fl-ewwel jum li fih, meta jitqies l-artikolu 21(2), hi setgħet titreġġa' lura;

(*b*) meta mandat biex titreġġa' lura jkun ġie maħruġ skont l-artikolu 21 iż-żmien ta' xahar li jibda jgħodd fil-jum li fih dak il-mandat ikun ġie maħruġ,

tkun tista' titlob b'rikors lill-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala qorti ta' appell minn de`iżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, li tiġi liberata.

(2) Jekk fuq talba bħal dik il-qorti tkun sodisfatta li jkun ingħata avviż xieraq tat-talba proposta lill-Ministru, il-qorti tista', kemm-il darba ma jkunx muri li hemm raġuni biżżejjed fis-sens kuntrarju, b'ordni ġġiegħel li r-rikorrent jiġi liberat mill-kustodja, u, jekk mandat biex jitreġġa' lura jkun ġie maħruġ skont l-imsemmi artikolu 21, tħassar dak il-mandat.

Passaġġ. *Miżjud: VII. 2010.56.*

**24A.** (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza passaġġ minn Malta ta' persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata lil xi pajjiż la darba tingħata din l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata;

(*b*) l-eżistenza ta' mandat ta' arrest u l-konsenja ta' dik il-persuna;

(*ċ*) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat li għalih

*Għall-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

jinħareġ il-mandat ta’ arrest u l-konsenja tal-persuna;

(*d*) id-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tar-reat, inkluż id-data u l-post tar-reat:

Iżda għandu jiġi miċħud passaġġ jekk il-persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata tkun ċittadin jew residenti permanenti f’Malta u l-konsenja tkun qed issir għal finijiet ta’ eżekuzzjoni ta’ piena ta’ priġunerija jew forma oħra ta’ detenzjoni.

(2) L-informazzjoni fis-subartikolu (1) tista’ tkun trasmessa lill-Kummissarju tal-Pulizija b’kull mezz li jista’ jipproduċi *record* bil-miktub.

(3) Meta t-trasport tal-persuna konsenjata ikun ser isir bl-ajru, ikun meħtieġ biss li l-Kummissarju tal-Pulizija tingħatalu dik l-informazzjoni meħtieġa fis-subartikolu (1) fil-każ li jkun hemm inżul mhux mistenni.

(4) Persuna li tkun għaddejja minn Malta tul il-kors tal-estradizzjoni tagħha jew it-trasferiment tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal iehor, għandha tinżamm fil-kustodja tul il-passaġġ.

## TAQSIMA V

### KIF JIĠU TRATTATI PERSUNI LI JITREĠĠGĦU LURA MALTA

Restrizzjonijiet dwar proċeduri f’Malta għal reati oħra.

**25.**[*] (1) Dan l-artikolu japplika għal kull persuna akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat skont il-liġi ta’ Malta li titreġġa’ lura Malta minn xi pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew minn xi pajjiż barrani speċifikat skont xi liġi ta’ dak il-pajjiż li tikkorrispondi għal dan l-Att.

(2) Ma għandu jsir xejn f’Malta dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu, matul iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3), għal jew dwar xi reat magħmul minnha qabel ma treġġgħet lura Malta ħlief dwar-

(*a*) ir-reat li dwaru hi tkun treġġgħet lura;

(*b*) xi reat anqas gravi ppruvat mill-fatti li ġew ippruvati biex jiġi żgurat it-treġġigħ lura tagħha; jew

(*ċ*) xi reat ieħor li dwaru l-pajjiż li minnu tkun ġiet imreġġa’ lura jagħti l-kunsens tiegħu li tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna.

(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu huwa ż-żmien li jibda bid-data tal-wasla tagħha f’Malta meta tkun treġġgħet lura kif imsemmi fis-subartikolu (1) u li jispiċċa ħamsa u erbgħin jum mill-għada li hi kellha l-opportunità li titlaq minn Malta.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9.

*Għall-applikabbiltà ta’ dan l-artikolu għar-Repubblika tat-Tuniżija u l-Istati Uniti tal-Amerika, ara Leġislazzjoni Sussidjarja L.S.276.06 u L.S.276.07 rispettivament.

ma għandhomx japplikaw dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu jekk il-bidu jew it-tkomplija tal-proċeduri kriminali kontriha ma jkunux jistgħu jsiru minħabba t-tħaddim tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

Treġġigħ lura ta' persuni mhux proċessati jew liberati.

**26.** (1) Dan l-artikolu japplika għal kull persuna akkużata b'reat taħt il-liġi ta' Malta li titreġġa' lura f'Malta kif imsemmi fl-artikolu 25(1).

(2) Jekk, fil-każ ta' persuna li għaliha japplika dan l-artikolu, jew -

(*a*) proċeduri kontriha għar-reat li minħabba fih hi ġiet imreġġa' lura jew għal xi reat li dwaru tista' tittieħed azzjoni kontra tagħha skont l-artikolu 25(2)(*b*) jew (*ċ*) ma jinbdewx fi żmien tliet xhur li jibdew fil-jum tal-wasla tagħha f'Malta meta treġġgħet lura; jew

(*b*) wara li tiġi proċessata għal dak ir-reat, ma tinstabx ħatja, jew tiġi liberata għal kollox jew taħt kondizzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, Kap. 446.

il-Ministru jista', jekk jidhirlu xieraq, fuq it-talba ta' dik il-persuna, jagħmel arranġamenti biex hi tintbagħat lura mingħajr ħlas u bl-inqas dewmien possibbli lejn il-pajjiż li minnu treġġgħet lura.

## TAQSIMA VI

### KONSENJA TA' ĦATJIN LILL-QORTI KRIMINALI INTERNAZZJONALI

Kif tapplika t-Taqsima VI. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26A.** Huma biss id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, ħlief meta jiġi xort'oħra espressament indikat, li għandhom japplikaw għal talbiet mill-ICC għall-arrest u l-konsenja ta' persuna li tkun allegata li għamlet delitt ICC, jew li tkun ġiet misjuba ħatja mill-ICC.

Interpretazzjoni. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26B.** (1) F'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"ordni ta' konsenja" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu 26E;

"delitt ICC" tfisser delitt (minbarra d-delitt ta' aggressjoni) li fuqu l-ICC għandha ġurisdizzjoni skont it-Trattat ICC li l-artikoli rilevanti tiegħu jinsabu riprodotti fl-Iskeda I li tinsab mal-Att dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali; Kap. 452.

"l-ICC" tfisser il-Qorti Kriminali Internazzjonali mwaqqaf bit-Trattat ICC;

"it-Trattat ICC" tfisser l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, magħmul f'Ruma fis-17 ta' Lulju, 1998;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

(2) Il-kliem u l-frażijiet li jintużaw f'din it-taqsima u li jintużaw ukoll fit-Trattat ICC għandu jkollhom l-istess tifsir

bħalma hu mogħti lilhom fl-imsemmi Trattat ICC.

Talba għal arrest u konsenja.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26Ċ.** (1) Meta l-Ministru jirċievi talba mill-ICC għall- arrest u konsenja ta' persuna li tkun allegata li għamlet xi delitt ICC, jew li tkun ġiet misjuba ħatja mill-ICC, huwa għandu jgħaddi t-talba u d-dokumenti relattivi kollha lill-Avukat Ġenerali.

(2) Jekk mat-talba jkun hemm ukoll ordni ta' arrest u l-Avukat Ġenerali jkun sodisfatt li kif jidhru l-affarijiet l-ordni tkun inħarġet mill-ICC, huwa għandu jagħmel rikors quddiem Maġistrat biex dan jawtorizza l-eżekuzzjoni tal-ordni. Il-Maġistrat għandu jawtorizza dik l-eżekuzzjoni meta jkun sodisfatt li l-ordni tkun tabilħaqq inħarġet mill-ICC.

(3) Jekk fil-każ ta' persuna misjuba ħatja mill-ICC ma jkunx hemm flimkien mat-talba ordni ta' arrest, imma jkun hemm -

(*a*) kopja tas-sentenza tas-sejbien ta' ħtija,

(*b*) informazzjoni li tkun turi li l-persuna mfittxa tkun dik imsemmija fis-sentenza tas-sejbien ta' ħtija, u

(*ċ*) meta l-persuna mfittxa tkun ġiet mogħtija sentenza, kopja tas-sentenza mogħtija u dikjarazzjoni dwar kull żmien diġà mgħoddi fil-ħabs u ż-żmien li jifdal biex jingħadda fil-ħabs,

l-Avukat Ġenerali għandu jagħmel rikors quddiem Maġistrat għall-ħruġ ta' ordni għall-arrest tal-persuna li dwarha tkun saret it-talba u għandu jehmeż id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu.

(4) Il-Maġistrat għandu joħroġ l-ordni meta jkun sodisfatt li kif jidhru l-affarijiet, il-persuna mfittxa tkun ġiet misjuba ħatja mill-ICC u li jkunu inġiebu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni msemmija f'dan l-artikolu.

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u tal-artikoli msemmija fl-artikolu 14(5) għandhom japplikaw għal ordni maħruġa taħt din it-Taqsima.

Talba għal arrest provviżorju.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26D.** (1) Meta l-Ministru jirċievi mill-ICC talba għall-arrest provviżorju ta' persuna li tkun allegata li għamlet delitt ICC jew li tkun ġiet misjuba ħatja mill-ICC huwa għandu jittrasmetti t-talba u d-dokumenti li jkun hemm magħha lill-Avukat Ġenerali.

(2) Meta jsir rikors mill-Avukat Ġenerali fejn jiddikjara li jkollu tassew għaliex jaħseb -

(*a*) li tkun saret talba mill-ICC għall-arrest ta' persuna, u

(*b*) li dik il-persuna tkun qegħda jew tkun ġejja lejn Malta,

Maġistrat għandu joħroġ ordni għall-arrest ta' dik il-persuna u għandu javża lill-Ministru bil-ħruġ tal-ordni.

Kif tiġi ttrattata persuna arrestata taħt ordni provviżorja.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26E.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(1), minbarra r-riferenza li hemm fihom għall-artikolu 14(3), għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal persuna arrestata taħt ordni provviżorja taħt din it-Taqsima.

(2) Jekk tinġieb quddiem il-qorti ordni ta' arrest maħruġa taħt

l-artikolu 26Ċ dwar il-persuna mressqa quddiemha, il-qorti għandha tmexxi bħallikieku l-persuna kienet arrestata taħt dik l-ordni. Jekk ma tinġieb ebda ordni bħal dik, il-qorti għandha żżommha arrestata sakemm tinġieb dik l-ordni.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jispeċifikaw -

(*a*) il-perjodu li fih persuna tista' tkun hekk miżmuma fil-kustodja f'kull żmien, u

(*b*) il-perjodu totali li fih persuna tista' tkun hekk miżmuma fil-kustodja,

fil-qies tal-iskadenzi speċifikati fir-Regoli dwar Xiehda u Proċedura għall-finijiet tal-Artikolu 92.3 tat-Trattat ICC.

(4) Jekk f'kull żmien li l-persuna tkun miżmuma fil-kustodja kif hawn qabel imsemmi tinġieb fil-qorti ordni maħruġa taħt l-artikolu 26Ċ dwarha -

(*a*) il-qorti għandha ttemm il-perjodu ta' kustodja, u

(*b*) il-persuna għandha tiġi ttrattata bħallikieku arrestata taħt dik l-ordni -

(i) jekk tkun miżmuma fil-kustodja, meta tinġieb l-ordni fil-qorti;

(ii) jekk tkun miżmuma fil-kustodja bi pleġġ, meta titlef il-pleġġ tagħha.

(5) Jekk ma tinġieb ebda ordni bħal dik fil-qorti qabel tmiem il-perjodu ta' kustodja (inkluża kull estensjoni ta' dak il-perjodu), il-qorti għandha tilliberaha.

(6) Il-fatt li persuna tkun ġiet liberata taħt dan l-artikolu ma jipprevjenix l-arrest tagħha mill-ġdid taħt ordni maħruġa taħt l-artikolu 26Ċ.

Trattament ta' persuna arrestata taħt ordni maħruġa taħt l-artikolu 26Ċ. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26F.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 26E(1) għandhom ikunu japplikaw għal persuna arrestata taħt ordni maħruġa taħt l-artikolu 26Ċ.

(2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta -

(*a*) li l-ordni -

(i) tkun ordni tal-ICC, jew

(ii) tkun inħarġet kif imiss taħt l-artikolu 26Ċ(3), u

(*b*) li l-persuna miġjuba quddiem il-qorti tkun il-persuna msemmija jew deskritta fl-ordni,

il-qorti għandha tagħmel ordni ta' konsenja.

(3) "Ordni ta' konsenja" hija ordni li l-persuna tiġi konsenjata -

(*a*) fil-kustodja tal-ICC, jew

(*b*) jekk l-ICC hekk jordna fil-każ ta' persuna misjuba ħatja mill-ICC, fil-kustodja tal-istat ta' infurzar,

skont arranġament li jsir mill-Ministru.

(4) Fil-każ ta' persuna li tkun allegata li għamlet delitt ICC, il-qorti tista' taġġorna l-proċedimenti sakemm ikun hemm eżitu għall-

kontestazzjoni quddiem l-ICC dwar l-ammissibbilità tal-każ jew dwar il-ġurisdizzjoni tal-ICC.

(5) Meta tiddeċiedi li tagħmel ordni ta' konsenja l-qorti m'għandhiex għalfejn tinvestiga -

(*a*) jekk xi ordni maħruġa mill-ICC tkunx inħarġet kif imiss jew le, jew

(*b*) fil-każ ta' persuna li tkun allegata li għamlet delitt ICC, jekk ikunx hemm provi li jiġġustifikaw li tiġi pproċessata għal xi reat li tkun allegata li għamlet.

Kunsens għall-konsenja. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26G.** (1) Meta persuna arrestata taħt din it-Taqsima tinġieb quddiem il-qorti, dik il-persuna tista' tagħti l-kunsens tagħha li tintbagħat fil-kustodja tal-ICC jew, fil-każ ta' persuna misjuba ħatja mill-ICC, tal-istat ta' infurzar. Dak il-kunsens jissejjaħ f'din it-Taqsima bħala "kunsens għall-konsenja".

(2) Meta l-persuna arrestata tagħti l-kunsens tagħha għall-konsenja, il-qorti għandha, meta tkun sodisfatta bil-volontarjetà tal-kunsens, tagħmel ordni ta' konsenja u kull disposizzjoni ta' din it-Taqsima għall-konsenja ta' dik il-persuna għandha titqies li tkun ġiet sodisfatta.

(3) Ma għandu jkun hemm ebda appell minn ordni ta' konsenja magħmula taħt dan l-artikolu.

*Procedimenti meta qorti tiċħad milli tagħti ordni ta' konsenja*

Meta ordni ta' konsenja tkun rifjutata. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26H.** (1) Meta l-qorti tirrifjuta milli tagħmel ordni ta' konsenja, hija għandha madankollu tagħmel ordni fejn tibgħat lill-persuna arrestata fil-kustodja u dik il-persuna għandha tibqa' fil-kustodja kif provdut fil-proviso tal-artikolu 15(3).

(2) Il-qorti għandha tavża lill-Ministru bid-deċiżjoni li ma tagħmilx ordni ta' konsenja u bir-raġunijiet għal dan.

Appell mill-Avukat Ġenerali kontra r-rifjut ta' ordni ta' konsenja. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26I.** Meta l-qorti tiffifjuta milli tagħmel ordni ta' konsenja, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw u jekk Qorti tal-Appel Kriminali tilqa' l-appell, din għandha tagħmel ordni ta' konsenja li għandha tiġi ttrattata, għal kull għan minbarra appell minnha, bħala ordni li tibgħat f'kustodja lill-persuna li għandha tiġi konsenjata.

*Procedimenti meta qorti tagħmel ordni ta' konsenja*

Meta qorti tagħmel ordni ta' konsenja. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26J.** (1) Meta l-qorti tagħmel ordni ta' konsenja dwar xi persuna, il-qorti għandha -

(*a*) tibgħat lill-persuna fil-kustodja biex jistenna l-ordnijiet tal-Ministru dwar l-eżekuzzjoni tal- ordni,

(*b*) tavża lill-Ministru bid-deċiżjoni tagħha.

(2) Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 26K, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 16 u 17 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal persuna li tintbagħat fil-kustodja taħt dan l-artikolu.

Appell minn ordni ta' konsenja minn persuna li għandha tiġi konsenjata.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26K.** Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 26L, il-persuna li għandha tiġi konsenjata wara ordni ta' konsenja tista' tappella mill-ordni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw għall-appell.

Twarrib tad-dritt ta' appell u ta' drittijiet oħra.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26L.** (1) Persuna li dwarha tkun saret ordni ta' konsenja tista' twarrab id-dritt tagħha li tappella u d-dritt tagħha li tapplika għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni u kull dritt ieħor li tapplika għal reviżjoni tal-leġittimità tal-arrest u d-detenzjoni tagħha.

(2) Meta persuna tkun warrbet id-drittijiet tagħha skont kif provdut fis-subartikolu (1), il-qorti għandha tissodisfa lilha nnifisha bil-volontarjetà ta' dak it-twarrib u malli dan l-ordni ta' konsenja għandha titwettaq għal kull għan validu tal-liġi.

Effett ta' ordni ta' konsenja.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26M.** (1) Ordni ta' konsenja tikkostitwixxi awtoritˆ biżżejjed biex persuna taġixxi skont l-ordnijiet tal-Ministru li jirċievi lill-persuna li l-ordni tkun inħarġet dwarha, li żżommha fil-kustodja u li twassalha fil-post fejn tkun se tiġi konsenjata fil-kustodja tal-ICC (jew, skont ma jista' jkun il-każ, tal-istat ta' infurzar) skont arranġamenti magħmula mill-Ministru.

(2) Jekk persuna li dwarha jkun hemm ordni ta' konsenja taħrab jew tkun fil-libertà b'mod mhux leġittimu, hija tista' tkun arrestata mill-pulizija mingħajr ebda ordni u tittieħed f'xi post fejn, bis-saħħa ta' din it-Taqsima, tenħtieġ li tkun jew li tittieħed fih.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21(2) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal kull persuna li dwarha tkun saret ordni ta' konsenja.

*Pleġġ, liberazzjoni, passaġġ u inżul bla mistenni*

Konsultazzjoni mal-ICC dwar pleġġ.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26N.** (1) Meta tintalab pleġġ fi proċedimenti taħt din it-Taqsima -

(*a*) il-qorti għandha tavża lill-Ministru bir-rikors,

(*b*) il-Ministru għandu jikkonsulta mal-ICC, u

(*ċ*) ma għandhiex tingħata pleġġ mingħajr ma titqies kull rakkomandazzjoni magħmula mill-ICC.

(2) Fid-deliberazzjoni dwar applikazzjoni għal pleġġ taħt dan l-artikolu l-qorti għandha tikkonsidra -

(*a*) jekk, fil-qies tal-gravità tar-reat jew reati li l-persuna tkun allegata li għamlet jew, skont ma jista' jkun il-każ, li dwaru tkun ġiet misjuba ħatja mill-ICC, ikunx hemm ċirkostanzi urġenti u eċċezzjonali li jkunu jiġġustifikaw l-iskarċerazzjoni bi pleġġ, u

(*b*) jekk ikunux ittieħdu jew se jittieħdu miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat li persuna tagħti ruħha biex tittieħed fil-kustodja skont il-pattijiet tal-pleġġ tiegħu.

Liberazzjoni ta' persuna li ma tkunx konsenjata.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26O.** (1) Jekk il-persuna li dwarha tkun saret ordni ta' konsenja ma tiġix konsenjata taħt l-ordni fi żmien xahrejn li jibdew għaddejin mal-ewwel jum meta, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 26M(3), hija setgħet tiġi mreġġgħa lura, hija tista' tapplika

quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li toqgħod bħala qorti tal-appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, għal-liberazzjoni tagħha.

(2) Malli jsir rikors bħal dak id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24(2) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw b'dan illi r-riferenza għall-ordni taħt dak is-subartikolu għandha titqies bħala riferenza għall-ordni ta' konsenja.

Liberazzjoni ta' persuna li ma tkunx tenħtieġ aktar li tiġi konsenjata.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26P.** Meta l-ICC jgħarraf lill-Ministru li xi persuna arrestata taħt din it-Taqsima ma tkunx għadha meħtieġa li tiġi konsenjata -

(*a*) il-Ministru għandu javża lill-Avukat Ġenerali b'dak il-fatt, u

(*b*) l-Avukat Ġenerali għandu, meta jirċievi dak l-avviż, jagħmel rikors quddiem il-qorti għal ordni ta' liberazzjoni tal-persuna arrestata.

Talba għal passaġġ.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26Q.** (1) Dan l-artikolu japplika meta l-Ministru jirċievi talba mill-ICC għall-passaġġ ta' persuna li tkun qegħda tiġi konsenjata minnn xi stat ieħor.

(2) Jekk il-Ministru jilqa' t-talba -

(*a*) it-talba għandha tiġi ttrattata għal kull fini ta' din it-Taqsima bħallikieku din kienet talba għall-arrest u l-konsenja ta' dik il-persuna,

(*b*) l-eżekuzzjoni tal-ordni li tmur flimkien mat-talba għandha titqies li tkun ġiet awtorizzata taħt l-artikolu 26Ċ(2), u

(*ċ*) il-persuna li ssir it-talba dwarha għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tiġi ttrattata meta din tasal Malta bħallikieku hija kienet arrestata taħt dik l-ordni.

(3) Għar-rigward ta' xi każ fejn japplika dan l-artikolu -

(*a*) il-qorti li quddiemha tinġieb il-persuna li dwarha ssir it-talba konformement mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 26F(2)(*a*)(i), għandha d-dmir li taċċerta ruħha li l-Ministru jkun fil-fatt laqa' t-talba għall-passaġġ; u

(*b*) l-artikolu 16 imsemmi fl-artikolu 26J(2) għandu jkollu effett bħallikieku r-riferenza għal ħmistax-il ġurnata kienet riferenza għal jumejn tax-xogħol.

(4) Persuna li tkun qegħda f'passaġġ taħt dan l-artikolu ma għandhiex tingħata pleġġ.

Inżul bla mistenni.
*Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26R.** (1) Jekk persuna li tkun qegħda tiġi konsenjata minnn xi stat ieħor tagħmel inżul bla mistenni f'Malta, hija tista' tkun arrestata mill-pulizija mingħajr ordni b'dan illi għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(1), ħlief għar-riferenza li hemm fih għall-artikolu 14(3) u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Il-qorti għandha tibgħatha fil-kustodja sakemm -

(*a*) il-Ministru jirċievi t-talba mill-ICC għall-passaġġ

tagħha, u

(*b*) tingħata d-deċiżjoni tal-Ministru dwar jekk jilqagħx it-talba.

(3) Jekk il-Ministru ma jirċevix talba bħal dik qabel tmiem sitta u disgħin siegħa li jibdew għaddejjin fil-waqt tal-inżul bla mistenni tal-persuna arrestata -

(*a*) il-Ministru għandu minnufih javża lill-qorti b'dak il-fatt, u

(*b*) il-qorti għandha, malli jaslilha dak l-avviż, tillibera lill-persuna arrestata.

(4) Jekk il-Ministru jirċievi dik it-talba qabel tmiem dak il-perjodu, huwa għandu javża lill-qorti mingħajr dewmien bid-deċiżjoni tiegħu dwar jekk għandux jilqa' t-talba.

(5) Jekk il-Ministru javża lill-qorti li jkun iddeċieda li jilqa' t-talba -

(*a*) il-qorti għandha, malli tirċievi l-avviż, ittemm il-perjodu ta' kustodja, u

(*b*) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 26Q għandhom japplikaw billi minflok kull riferenza għaż-żmien tal-wasla f'Malta fis-subartikolu (2)(*ċ*) ta' dak l-artikolu tiġi sostitwita riferenza għaż-żmien tal-avviż li jingħata lill-qorti taħt dan is-subartikolu.

(6) Jekk il-Ministru javża lill-qorti li jkun iddeċieda li ma jilqax it-talba tagħha, il-qorti għandha, malli tirċievi l-avviż, tillibera lill-persuna arrestata.

*Disposizzjonijiet supplimentari*

Immunità statali jew diplomatika. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26S.** (1) Meta persuna jkollha immunitˆ statali jew diplomatika minħabba fil-konnessjoni li jkollha ma' xi stat li jkun parti fit-Trattat ICC, din ma tipprevjenix proċedimenti taħt din it-Taqsima għar-rigward ta' dik il-persuna.

(2) Meta -

(*a*) persuna jkollha immunità statali jew diplomatika minħabba fil-konnessjoni li jkollha ma' xi stat minbarra stat li jkun parti fit-Trattat ICC, u

(*b*) jinkiseb it-twarrib ta' dik immunità mill-ICC għar-rigward ta' talba għall-konsenja ta' dik il-persuna,

dak it-twarrib għandu jiġi ttrattat bħala li jestendi għal proċedimenti taħt din it-Taqsima f'konnessjoni ma' dik it-talba.

(3) Ċertifikat mill-Ministru -

(*a*) li stat ikun jew ma jkunx parti għat-Trattat ICC, jew

(*b*) li kien hemm twarrib bħal dak imsemmi fis-subartikolu (2),

hu prova konklużiva għal dak il-fatt għal kull fini ta' din it-Taqsima.

(4) Il-Ministru jista' f'xi każ partikolari, wara konsultazzjoni

mal-ICC u l-istat inkwistjoni, jordna li ma għandhomx jinbdew proċedimenti (jew proċedimenti ulterjuri) kontra xi persuna taħt din it-Taqsima li, għajr għas-subartikolu (1) jew (2), kienu jkunu prevjenuti minħabba fl-immunità statali jew diplomatika li jkollha persuna.

(5) Is-setgħa li jsiru regolamenti mogħtija bis-subartikolu tal-artikolu 3(1) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, tinkludi s-setgħa li jsiru għar-rigward ta' kull proċediment kull tali provvediment li jikkorrispondi għall-provvediment magħmul b'dan l-artikolu għar-rigward tal-proċedimenti, imma bl-ommissjoni - Kap. 365.

(*a*) fis-subartikolu (1), tal-kliem "minħabba fil-konnessjoni li jkollha ma' xi stat li jkun parti fit-Trattat ICC", u

(*b*) tas-subartikoli (2) u (3),

bħalma jkun jidher lill-Prim Ministru li jkun meħtieġ jew spedjenti b'konsegwenza ta' dak ir-riferiment bħalma hemm imsemmi fl-artikolu 13(*b*) (riferiment mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti).

(6) F'dan l-artikolu "immunità statali jew diplomatika" tfisser kull privileġġ jew immunità li persuna jkollha, minħabba fl-i*status* ta' dik il-persuna jew ta' xi persuna oħra bħala kap ta' stat, jew bħala rappreżentant, uffiċjal jew aġent ta' stat, taħt -

(*a*) l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, l-Att dwar il-Konvenzjonijiet dwar il-Konslijiet, l-Att dwar it-Twaqqif ta Delegazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej, l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru ta' Orgnizzazzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, Kap. 191. Kap. 144. Kap. 344. Kap. 235.

(*b*) xi provvediment leġislattiv ieħor magħmul għall-fini tal-implimentazzjoni ta' xi obbligazzjoni internazzjonali, jew

(*ċ*) xi liġi derivata mill-liġi internazzjonali konswetudinarja.

Il-konsenja ta' persuni skont ċerti proċedimenti eċċ. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26T.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għat-twettiq aħjar tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi jista' b'dawk ir-regolamenti jipprovdi dwar każijiet meta huwa jirċievi talba għall-arrest jew il-konsenja, jew l-arrest provviżorju, ta' xi persuna -

(*a*) li kontriha jkun hemm pendenti jew għaddejin proċedimenti kriminali quddiem qorti f'Malta, jew li tkun ġiet ittrattata fi proċedimenti bħal dawk, jew

(*b*) li kontriha jkun hemm pendenti jew għaddejin proċedimenti ta' estradizzjoni f'Malta, jew li dwarha tkun saret xi ordni bil-miktub jew ingħata ordni f'dawk il-proċedimenti.

Dokumenti. *Miżjud: XXIV. 2002.14.*

**26U.** (1) Għal kull fini ta' din it-Taqsima l-kopja tal-ordni maħruġa mill-ICC, jiġifieri trasmessa lis-Segretarju ta' xi Stat Ministru, għandha tiġi ttrattata bħallikieku din kienet l-ordni oriġinali.

(2) Meta tintuża trasmissjoni *facsimile* -

(*a*) għall-għemil ta' xi talba mill-ICC jew għat-trasmissjoni ta' xi dokument li jinġieb b'sostenn, jew

(*b*) għat-trasmissjoni ta' xi dokument għax tkun saret dik it-talba,

din it-Taqsima għandha tapplika bħallikieku d-dokumenti hekk mibgħuta kienu l-oriġinali tad-dokumenti hekk trasmessi u dawn għandhom jiġu riċevuti u jkunu ammissibbli daqslikieku kienu prova għaldaqstant.

(3) Meta l-ICC jemenda ordni ta' arrest, id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw għall-ordni emendat bħallikieku din kienet xi ordni ġdida; hekk li dan ma jolqotx il-validitˆ ta' xi ħaġa li tkun saret abbażi tal-ordni l-qadima.

---

## TAQSIMA VII

MIXXELLANJI

Ilsien tad-dokumenti.

**27.** Kull dokument li għandu jinġieb dwar it-talba għat-treġġigħ lura ta' persuna skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jkun jew bil-Malti jew bl-Ingliż u, meta xi dokument bħal dak ma jkun bl-ebda wieħed minn dawn l-ilsna, il-Ministru jista' jitlob li d-dokument jiġi maqlub għall-Ingliż.

Regolamenti.

**28.** Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-forma ta' kull mandat jew ordni li għandu jiġi maħruġ jew magħmul skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Ġarr ta' priġunieri għal jew minn pajjiżi oħra u esekuzzjoni ta' pieni barranin.

**29.** (1) Meta jkun sar arranġament ma' xi pajjiż dwar il-ġarr ta' persuna li tkun qed tiskonta sentenza ta' priġunerija f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor bħal dak, minn jew għal Malta jew minn jew għal dak il-pajjiż l-ieħor, jew xort'oħra dwar l-esekuzzjoni f'pajjiż wieħed ta' xi piena imposta jew mogħtija f'pajjiż ieħor, il-Ministru jista' jagħmel ordni biex jagħti seħħ lil dak l-arranġament, b'dawk l-eċċezzjonijiet, modifiki u kwalifiki li jsiru fl-ordni jew f'xi ordni ieħor wara, u kull ordni bħal dak jista' jkun fih dik id-disposizzjoni li l-Ministru jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, magħduda l-applikazzjoni, b'kull modifiki xierqa, ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi leġislazzjoni oħra.

(2) F'dan l-artikolu l-frażi "arranġament" għandha l-istess tifsir dwar il-ħwejjeġ imsemmija fis-subartikolu (1) kif għandha fid-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att dwar it-treġġigħ lura ta' kriminali maħrubin.

Riserva.

**30.** Kull arranġament ma' stat barrani applikabbli għal Malta taħt id-disposizzjonijiet tal-Atti tal-Parlament tar-Renju Unit imsejħa l-*Extradition Acts 1870 to 1932** fil-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu, bla

---

*Imħassra bis-subartikolu (1) tal-artikolu 30 tal-Att kif oriġinarjament promulgat liema subartikolu ġie mħolli barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji.

ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att ikompli hekk japplika sakemm jiġi revokat.

**30A.** (1) Dan l-artikolu japplika, meta l-Ministru jidhirlu li - Arranġamenti speċjali għall-estradizzjoni. *Miżjud: VII. 2010.57.*

(*a*) ikunu saru jew japplikaw arranġamenti bejn Malta u pajjiż ieħor għall-estradizzjoni tal-persuna lejn dak il-pajjiż; u

(*b*) il-pajjiż mhux pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew pajjiż barrani speċifikat.

(2) Il-Ministru jista' jiċċertifika illi l-kondizzjonijiet fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*) huma sodisfatti fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna.

(3) Jekk il-Ministru joħroġ ċertifikat taħt is-subartikolu (2), l-Att ikun japplika fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna lejn pajjiż ieħor daqs li kieku dak il-pajjiż kien pajjiż barrani speċifikat.

(4) Kif applikat bis-subartikolu (3), dan l-Att għandu effett ma' kull modifikazzjoni oħra speċifikati fiċ-ċertifikat.

(5) Iċ-ċertifikat taħt is-subartikolu (2) rigward persuna li jkun prova konkluživa illi l-kondizzjonijiet fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*) huma sodisfatti fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna.

**31.** (1) Ir-reati msemmija fl-artikolu 5(1)(*e*) u (*g*) tal-Kodiċi Krimmali għandhom jitqiesu li ġew inklużi bħala reati ta' estradizzjoni fit-trattati ta' estradizzjoni kollha magħmulin minn Malta (jew li japplikaw għal Malta) ma' pajjiżi mseħbin fil-Konvenzjonijiet u li jestendu għal, u jorbtu lil, Malta fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Att dwar Servizz ta' Sigurtà. Reati ta' estradizzjoni speċjali. *Miżjud: XVII. 1996.19.* Kap. 9. Kap. 371.

(2) Meta dan l-Att ma jkunx japplika fil-każ ta' xi Stat li jkun parti fil-Konvenzjoni dwar Persuni Protetti Internazzjonalment u il-Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi, il-Ministru jista' b'ordni magħmul bis-saħħa ta' l-artikoli 4 u 7, jispeċifika dak il-pajjiż bħala pajjiż tal-*Commonwealth* skont l-imsemmi artikolu 4 jew bħala pajjiż barrani skont l-artikolu 7, skont il-każ, u dak l-ordni għandu għall-għanijiet tal-imsemmi artikolu 7, jitqies li jkun arranġament kif inhu msemmi f'dak l-artikolu.

(3) Meta dan l-Att ikun japplika għal xi stat bis-saħħa biss ta' xi ordni magħmul skont is-subartikolu (2), ebda applikazzjoni għal estradizzjoni minn dak l-istat ma għandu jkollha x'taqsam ma' xi reat ta' estradizzjoni fil-kuntest tat-tifsir mogħti f'dan l-Att ħlief għal reati li jitqiesu li huma inklużi fil-lista ta' reati ta' estradizzjoni li jirriżultaw mis-subartikolu (1).

(4) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, kull għemil, isir fejn isir, li jkun reat imsemmi taħt dan l-Att u reat kontra l-liġi ta' stat f'liema każ dan l-Att ikun japplika b'ordni magħmul bis-saħħa tas-subartikolu (2), għandu jitqies li jkun reat li jsir fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dak l-istat.

(5) F'dan l-artikolu:

"pajjiżi mseħbin fil-Konvenzjonijiet" tfisser dawk il-pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, fil-Konvenzjoni dwar Persuni Protetti

Internazzjonalment, u fil-Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi;

"Konvenzjoni dwar Persuni Protetti Internazzjonalment" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *Convention on the Prevention and Punishment of Crimes against Internationally Protected Persons* adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1973;

"Konvenzjoni dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *European Convention on the Suppression of Terrorism* magħmula fi Strasbourg fis-27 ta' Jannar, 1977;

"Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *International Convention against the Taking of Hostages* li bdiet tiġi ffirmata fi New York fit-18 ta' Diċembru, 1979.

Reati ta' estradizzjoni oħra speċjali.
*Miżjud: III. 2002.163.*
Kap. 9.

**32.** (1) Ir-reati msemmija fl-artikoli 115 sa 121B tal-Kodiċi Kriminali għandhom jitqiesu bħala li ġew inklużi bħala reati ta' estradizzjoni f'kull trattat ta' estradizzjoni li saru minn Malta (jew li japplikaw għal Malta) ma' pajjiżi msieħbin fil-Konvenzjoni u li jestendu għal, u jorbtu lil, Malta fid-data tad-dħul fis-seħħ għal Malta tal-Konvenzjoni.

(2) Meta dan l-Att ma jkunx japplika fil-każ ta' xi Stat li jkun parti fil-"Konvenzjoni tad-Dritt Penali dwar il-Korruzzjoni" id-disposizzjonijiet tal-artikolu 31(2) u (3) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal kull tali pajjiż b'dan illi r-referenza "mis-subartikolu (1)" fl-imsemmi saubartikolu (3) għandha tinqara u tiftiehem bħala referenza għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) F'dan l-artikolu -

"pajjiżi msieħbin fil-Konvenzjoni" tfisser dawk il-pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni;

"il-Konvenzjoni" tfisser "il-Konvenzjoni tad-Dritt Penali dwar il-Korruzzjoni" magħruf bħala *Criminal Law Convention on Corruption* magħmula fi Strasbourg fis-27 ta' Jannar, 1999.

---

*Emendata: III. 2001.28.*

## SKEDA

(Artikolu 5)

1. Omiċidju volontarju
2. Omiċidju involontarju
3. Reat kontra l-liġi dwar l-abort
4. Offiża volontarja fuq il-persuna gravi
5. Assalt li jwassal għal offiża fuq il-persuna
6. Stupru vjolenti
7. Serq ta' persuna
8. Konġunġiment karnali ma' mara kontra l-liġi
9. Attentat għall-pudur bil-vjolenza

10. Tressiq jew kummerċ ta’ persuni taħt l-età jew nisa għal skopijiet immorali
11. Bigamija
12. Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, jew negozju ta’ skjavi
13. Tneħħija kontra l-liġi ta’ persuna f’pajjiż barrani jew sekwestru ta’ persuna f’dak il-pajjiż
14. Serq, abbandun jew esposizzjoni ta’ tfal
15. Korruzzjoni
16. Sperġur, korruzzjoni għall-fini ta’ sperġur jew kospirazzjoni biex ma ssirx ġustizzja skont il-liġi
17. Ħruq jew għoti ta’ nar
18. Reat dwar flus foloz
19. Reat kontra l-liġi dwar il-falsifikazzjoni
20. Serq
21. Approprjazzjoni bla jedd, frodi dwar sigurtà, baratterija, abbuż ta’ karta in bjank jew xort’oħra, qerq fil-kummerċ jew fl-industrija, frodi b’egħmil qarrieqi, każijiet oħra ta’ qligħ b’qerq
22. Riċettazzjoni
23. Approprjazzjoni bla jedd jew użu ħażin minn uffiċjal jew impjegat pubbliku
24. Rikatt, vjolenza kontra l-privat, eżazzjoni minn uffiċjal pubbliku ta’ flus jew ħwejjeġ oħra kontra l-liġi, estorsjoni
25. Reat kontra l-liġi dwar il-falliment jew il-liġi dwar il-kumpanniji
26. Ħsara b’qerq jew volontarja lil proprjetà
27. Azzjonijiet magħmula bil-ħsieb ta’ perikolu lil vetturi, bastimenti jew inġenji tal-ajru
28. Reat kontra l-liġi dwar il-mediċini jew narkotiċi perikolużi
29. Piraterija
30. Rewwixta kontra l-awtorità ta’ kaptan ta’ bastiment jew ta’ kmandant ta’ inġenji tal-ajru
31. Reat kontra l-liġi dwar l-użu mhux kif dovut tal-*computer*